SAN GILJAN

## Kunsill Lokali San Ġiljan

# Rapport Amministrattiv 2019



## Sena 2019

Qiegħed nippreżenta rapport dwar l-andament tal-Kunsill kif ukoll jagħti ħarsa lejn il-ħidma u l-operat tal-Kunsill matul is-sena mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019.

Għalhekk dan ir-rapport ser ikun qiegħed jagħti ħarsa lejn l-attivitajiet ewlenin ta' matul is-sena kif ukoll il-pjan ta' ħidma għas-sena 2020. Dan skond lAtt dwar il =Gvern Lokali.

### 1. Il-Kunsill

**1.1** Matul is sena 2019 ġiet fit-tmiem it-tmien legislatura. L-attendenza tal-membri għal-laqgħat tal-Kunsill mehmuz ma' dan ir-rapport u l-Kunsill kien magħmul hekk:

**1.2** Is-Sindku Guido Dalli huwa *ex-uffiċċjo* fuq ir-responsabilitajiet mogħtija lill-Kunsilliera kollha.

| | | | |
|---|---|---|---|
| Is- Sindku | Guido Dalli | - | *Ġemellaġ, Fondi EU u Bye-laws Indafa, Infrastruttura u Toroq* |
| Il-Viċi Sindku | Albert Buttigieg | - | *Edukazzjoni u Inklużjoni Soċjali li tinkludi Diżabilita u NGO'* |
| Il-Kunsiller | Martin John Sultana | - | *Traffiku, Pulizija, Trasport u Sinjali tat-Traffiku* |
| Il-Kunsiller | John Agius | - | *Attivitajiet Soċjali għall-Anzjani* |
| Il-Kunsiller | Adrian Dominic Ellul | - | *Żgħażagħ u Sports* |
| Il-Kunsillera | Rita Dimech Portelli | - | *Saħħa Pubblika* |
| Il-Kunsiller | Clayton Luke Mula | - | *Kultura u Turiżmu* |
| Il-Kunsiller | Clayton Tanti Gregoraci | - | *Ambjent, Negozji Żgħar u Kummerċ* |
| Il-Kunsillier | Edgar Montanaro | - | *Ambjent, Proġetti Ġodda u Infurzar tal-ligi* |

**1.3** Sabiex il-Kunsill ikun aktar viċin il-pubbliku u bi skop li jiġu identifikati aktar malajr il-problemi taż-żona partikolari, l-Kunsill ħaseb sabiex il-lokalita' tkun maqsuma f'sebgħa żoni u kull żona jkollha Kunsillier/i responsabbli. Għalhekk il-lokalita' ġiet maqsuma kif ġej:-

**Żona Nru. 1 –**

**Kunsilliera Responsabbli: is-Sur Adrian Dominic Ellul u s-Sur Martin John Sultana**

Triq Abbe De Vertot
Wesgħa Agostino Savelli
Triq Bertha K. Ilg
Triq Eric Brockman
Triq George Badger
Triq Jean Houel
Triq William H. Prescott
Triq Lapsi (in-naħa ta' Merħba Pharmacy) Bini tal-Gvern
Triq Andre Maurois
Triq Diodorus Siculus
Triq Francesco Balbi
Triq Hans Stumme
Triq William Hardman
Triq Ta' Giorni (in-naħa t'isfel)
Triq E. Schermerhorn
Triq Patrick Brydone (in-naħa tal-H.E. ta' Ta' Ġiorni)
Triq Carlos Zabarella

**Żona Nru. 2 –**

**Kunsillier Responsabbli: is-Sur Clayton Tanti Gregoraci**

Triq Ta' Ġiorni (In-naħa ta' Fuq)
Triq Nicholas Monserat
Triq il-Baltiku
Triq Ta' Marmora
Triq Michelangelo Cagiano
Triq il-Fagu
Triq Patrick Brydone (in-naħa ta' fuq)
Triq Bonanno
Triq il-Bahar l-Iswed
Triq Antonio Busuttil (T/G fi Triq il-Bahar l-Iswed)
Triq Claire E. Engel
Triq il-Mediterran
Triq il-Fraxxnu
Triq Michelangelo Borg

**Żona Nru. 3 –**

**Kunsilliera Responsabbli: is-Sur Guido Dalli u s-Sur John Agius**

Triq Mikiel Anton Vassalli
T/G fi Triq Mikiel Anton Vassalli
Pjazza Spinola
Triq Lapsi
Triq San MIkiel
Triq San Mark
Triq Sant' Anglu
Triq Sant' Elija
Triq il-Karmnu
Triq Gorg Borg Olivier
Telgħet B'Kara (Lower Part)
Ix-Xatt ta' San Gorg
Triq il-Bajja
Trejqet il-Bajja
Triq Alfred Gauci (T/G fi Trejqet il-Bajja)
Triq il-Kbira
Triq Angelo Pullicino

Trejqet Grenfell
Xatt tas-Sajjieda
Triq Albert Mayr

**Żona Nru. 4 –**

**Kunsillier Responsabbli: is-Sur Clayton Luke Mula**

Triq Ross
Triq Wied Għomor
Triq il-Mensija
Triq Forrest
Sqaq Lourdes
Triq Sant Andrija
Triq Marguerite Mangion (T/G fi Triq Sant Andrija)
Triq Santa Rita
Sqaq il-Lunzjata
Triq il-Qaliet
Triq Santu Wistin
Triq San Gorg
Triq Luigi Apap (Trejqet San Gorg)
Ix-Xatt ta' San Gorg

**Żona Nru. 5 –**

**Kunsillier Responsabbli: Kumitat Amministrattiv Paceville**

Triq Ball
Triq Dobbie
Vjal Portomaso
Triq Dragunara
Triq Gort
Triq il-Knisja
Triq Paceville
Triq Schrieber
Triq Wilga
Ix-Xatt ta' Spinola
Il-Qasam ta' San Gorg
Triq Salvu Privtera
Triq Spinola
Triq Elija Zammit
Triq San Guzepp

**Żona Nru. 6 –**

**Kunsillier Responsabbli: Dott. Albert Buttigieg**

Triq l-Arcisqof Romero
Triq Zammit Clapp
Triq il-Klarissi
Triq il-Qalb Imqaddsa
Triq Dun Anton Tabone (T/G fi Triq il-Qalb Imqaddsa)
Triq Bonavita
Triq Sir Joseph Carbone
Sqaq Imrabat (fejn mhuwiex privat)
Triq il-Ballut
Triq is-Sorijiet
Triq Dun Guzepp Xerri
Triq B'Kara
Sqaq is-Sigra
Triq Furtu Selvatico
Triq Sir Joseph Carbone
Telghet B'Kara (Upper Part)

Sqaq Ciantar

**Zona Nru. 7 –**

**Kunsilliera Responsabbli: Ms. Rita Dimech Portelli**

Triq Alphonse Maria Galea (Sur Fons)
Pjazza Balluta
Ir-Rampa ta' San Giljan
Triq Scicluna
Triq Manwel Dimech (Lower Part)
Triq il-Karmelitani
Telgħet San Giljan
Sqaq Fabri

**Żona Nru. 8 –**

**Kunsillier Responsabbli: is-Sur Edgar Montanaro**

Triq Ivo Muscat Azzopardi
Triq iz-Zebbug
Fuq il-Gonna (Garden Cresent)
Triq is-Sajjieda
Triq l-Oleandru
Triq il-Palm
Triq it-Tamal

**1.3** L-Elezzjoni tad-Disa' Kunsill saret nhar is-Sibt 25 ta' Mejju 2019 u l-Ġurament tal-Ħatra tal-Kunsilliera saret nhar it-Tlieta 18 ta' Ġunju 2019. L-ewwel laqgħa għal aċċettazzjoni tal-kariga ta' Sindku u ta' Viċi Sindku saret nhar il-Ħamis 4 ta' Lulju 2019. F'din il-laqgħa l-Kunsillier Albert Buttigieg aċċetta l-kariga ta' Sindku filwaqt li l-Kunsillier

Clayton Luke Mula gie maħtur Vici-Sindku wara li Guido Dalli ma aċċettax in-nomina hekk kif kienet titlob il-ligi.

Iż-żmien tat-tmexxija tat-Tmien Kunsill huwa mill-1 ta' Lulju 2019 sat-30 ta' Ġunju 2024.

**1.4** Waqt l-ewwel laqgha tal-Kunsill inghataw responsabilitajiet u zoni lill-membri tal-Kunsill 01/07/2019 – 30/06/2024 (Rif. Minuti 01/K9/19). L-attendenza tal-membri għal-laqgħat tal-Kunsill mehmuz ma' dan ir-rapport. Dan il-Kunsill huwa kompost kif gej:

Is-Sindku Albert Buttigieg huwa *ex-uffiċċjo* fuq ir-responsabilitajiet mogħtija lill-Kunsilliera kollha.

| ***Karriga*** | ***Isem*** | | ***Responsabilta*** | ***Zona*** |
|---|---|---|---|---|
| Is- Sindku | Albert Buttigieg | - | *It-Tmexxija tal-Kunsill, l-ambjent, il-Komunita' kummercjali u l-fondi mill-EU* | *Paceville* |
| Il-Viċi Sindku | Clayton Luke Mula | - | *Kultura, l-Ghaqdiet u repprezentant fir-Regjun* | *The Gardens* |
| Il-Kunsiller | Adrian Dominic Ellul | - | *Zghazagh, Sports u attivita' fizika* | *Ta' Giorni - A* |
| Il-Kunsiller | Guido Dalli | - | *6 progetti li kienu mahsuba* | *Core Village – A and Wied Ghomor / Spinola Area* |
| Il-Kunsiller | Martin John Sultana | - | *Bon Ordni, Turizmu u l-Infrastruttura* | *Ta' Giorni – B* |
| Il-Kunsillera | Patricia Camilleri | - | *Edukazzjoni u politika socjali* | *Sacred Heart and B'Kara Road Area* |
| Il-Kunsiller | John Agius | - | *L-anzjani, il-wirt storiku u l-Magazine* | *Core Village – B* |
| Il-Kunsiller | Rita Dimech Portelli | - | *Sahha pubblika u kura tal-annimali* | *Balluta Area* |
| Il-Kunsillier | Sean Gauci | - | *Gonna pubblici, bajjiet u media* | *The Village* |

**1.5** L-uffiċċju tal-Kunsill ikun miftuħ għall-pubbliku kuljum mit-Tnejn sal-Ġimgħa kif ukoll is-Sibt filgħodu. Filwaqt li jsir ix-xogħol Amministrattiv kollu mill-Uffiċċju issir ukoll ħrug ta' permessi, ħlas ta' kontravenzjonijiet, servizz ta' għajnuna liċ-ċittadini għal diversi dipartimenti tal-gvern u servizz ta' customer care, fost l-oħrajn.

**1.6** Matul din is-sena kien hemm ikoll tibdiel fil-membri tal-Istaff tal-Ufficju Amministrattiv tal-Kunsill, b'hatra ta' Deputat Segretarju Ezekuttiv,zieda ta' Membru iehor u avanzament ta' staff f'grad ghola.

**1.7** Is-sistemi tal-IT tal0Uffucjul komplejna naggornawhom saviex niffacilitaw il-hidma taghna . Gie installat prohramm gdid gahr-registrazzjoni tal-Korrispondenza , kif ukoll sar tibdiel fil-hardware b'tibdiel ta Computers u server gdid.

## 2.1 Ilmenti / Korrispondenza

Mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019 il-Kunsill bagħat 1582 korrispondenza, filwaqt li rċieva 7806.

## 2.2 Ħruġ ta' Permessi

Il-Kunsill joħroġ il-permessi skond l-Avviz Legali 119/2002, dan jinkludi permessi għall-krenijiet, divertiment okkażjonali, qtugħ ta' wiċċ ta' triq, tqegħid ta' posta jew kiosks, u permessi oħrajn. Mill-1 ta' Jannar 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019, ġew ipproċessati erba' t'elef mija u tmien permessi (4108).

## 2.3 Facebook u Social Media

Il-Kunsill għandu l-paġna tiegħu fuq Facebook li tiġi aġġornata kontinwament. Għandu wkoll il-website uffiċċjali tiegħu li giet mgedda matul is-sena.

## 3.1 Xogħolijiet varji li saru:-

- Sar xogħol ta' *patching* fil-lokalita' kollha. Saru tiswijiet inġenerali fit-toroq u fuq il-bankini, inbidlu diversi kaptelli minn fuq il-bankini li ġew imkissra minħabba li vetturi jitilgħu fuq dawn il-bankini. Fejn kien hemm il-bżonn tpoġġew *hand railings, crash barriers* jew *bollards.* Kontinwament isiru t-tabelli u sinjali tat-toroq ġodda, jerġgħu isiru dawk it-tabelli li jiġu vandaliżżati kif ukoll issir manutenzjoni tat-tabelli u sinjali tat-toroq li jmorru bl-użu eċċessiv, dan bħal *zebra crossings, parking bays* u marki tat-toroq oħra;
- Saru jew inbiddlu tabelli ta' l-ismijiet ta' toroq ;
- Sar manutenzjoni tad-dawl f'diversi toroq;
- Komtinwament isir tindif u qtugħ ta' ħaxix fil-lokalita' kollha;
- Ġew irranġati bankini u / jew saru ġodda;

- Ġew irranġati diversi spralli tal-ħadid tal-culverts, kif ukoll ġew imnaddfa l-culverts;
- Ġie mnaddaf il-Wied tal-Balluta;
- Flimkien ma' diversi kumpaniji ġew organiżżati *Clean Up Days* f'ċertu żoni f'San Ġiljan;
- Sar xogħol ta' manutenzzjoni fuq il-lampi tal-pont tal-Knisja Parrokjali;
- Twaħħlu bins ġodda madwar il-Promenade, f'Xatt is-Sajjieda, Triq Dragonara kif ukoll f'diversi postijiet ġewwa Paceville;
- Twaħħlu diversi Dogs Bins f'diversi inħawi ġewwa San Ġiljan u ftahna Dogs Park fit-triq il-Baltiku;
- Twaħħlu bankijiet ġodda matul il-Promenade;
- Saru diversi xogħolijiet ta' tarmac fosthom fi Triq il-Mensija , Triq il-Baltiku , Triq William Hardman, Triq Jean Howwell, Triq Bertha K Ilg , parti minn Triq Ta' Giorni, u parti minn Triq Claire E. Engel;
- Saru culvert godda ghal ilqugh tal-Ilma tax-xita fil Triq Clair E Ebgel u Triq M A Cagjano.
- Sae Xoghol ta' Asfaltar bl-ghajnina tal-Infrastructure Malta, Triq Wied Ghomor, Triq Guzeppi Xerri u parti minn Triq il-Kbira. Infrastructure Malta kienu ukoll responsabli tax-xogholijiet li saru fi Pjazza Qalb ta' Gesu u Triq Mikiel Ang Borg;
- Sar xogħol ta manutenzzjoni fuq il-pont tal-Knisja ta' San Ġiljan minn Infrastructure Malta;
- Sar Xoghol ta' żbir fil-ġonna tal-lokalita' b'mod frejwenti;
- Manutenzjoni u tindif frekwenti tal-funtana tal-Pjazza tal-Balluta;
- Twaħħil ta' *ashtrays* fejn il-Knisja ta' San Ġiljan;
- Xogħol ta' manutenzzjoni fuq il-*junction boxes* tal-lokalita';
- Xogħol fuq it-taraġ fi Triq il-Klarissi li nbena gid u twahhlu railings;
- Xogħol ta' tindif u ħasil ġewwa l-Village Core ta' San Ġiljan;
- Saru xogħolijiet ta' manuntenzjoni fuq il-*public convenience* tal-Balluta fejn tbiddlel kollox bit-twahhil ta ' cubicles godda u appliances , xoghol strutturali inkluz tibdiel ta' tiles u xoghol fuq il-bini ;
- Saret rampa fil-Pjazza Balluta ħdejn il-Bank of Valletta;

- Ġiet emendata l-*Bye Law* tax-xorb biex ġiet applikabbli għal-lokalita' kollha;
- Giet proposta tibdiel fil-Bye-law dwar ghamara fit-toroq.
- Intbagħtu diversi ittri lir-residenti kollha tal-lokalita' bil-ħinijiet u l-ġranet ta' ġbir ta' l-iskart;
- Sar xogħol ta tisbieħ fi Ġnien Spinola fosthom tibdil ta' dawl;
- Sar xogħol ta' manutenzjoni xi bankini ta' Triq B'Kara.
- Saret xoghol tat-tindief f'xatt is-sajjoeda u qed jigi kontrollat l-accesss bil-vetturi fl-istess zona. Dan ser jissahah ukoll permezz ta ' Bariers eletronici ;
- Inghtat ghajnuna wara herba li kien hem min maltempata qawwija, sabiex gew irrangati hitan, tnehhew sigar mwaqqa u sar tindief generali mal-lokalita kollha;
- Gew imhawla pjanti godda fuq il-prominade u mizruwa sigar godda flok dawk li gew vandalizzati;
- Permezz ta' volontiera qed kontinwament isir xoghol ta manutenzjoni tal-gnien iz0zghir li hem fi triq Ta' Giorni, fejn twahhlu ukoll pjanti l sigar godda.

## 3.2 Xogħolijiet varji li huma pendenti jew qed isiru

- Beda l-proċess b'applikazzjoni mall-Faces dwar Bus Shelters ġodda;
- Ser jitkompla l-process biex tiġi nstallata ATM f'Ta' Ġiorni;
- Għaddejin il-proċeduri sabiex isir *open gym* ġewwa Ġnien Spinola;
- Ser jibda xogħol ta' tarmak fi Triq Forrest;
- Ser jibda x-xogħol ta' tarmak fi Triq Luigi Apap hekk kif jitlesta xogħol ta' kostruzzjoni fit-triq;
- Seri sir xoghol ta' tarmak fit-triq Bonavita, Triq Lapsi u Telghet B'Kata
- Ser jitkompla ix-xogħol ta tisbieħ fuq it-taraġ ta' Triq Mensija ;
- Ser jiġi rranġat it-taraġ ta' Triq Scicluna .

## 3.3 Ismijiet tat-Toroq

Saret talba mill-Kunsill sabiex parti minn Triq Patrick Brydone tkun imsemmija għal Charles

Sciberras li kien l-ewwel Sindku , kif ukoll Tarag Scicluna tiġi msemmija għal Joe Attard Kingswell.

### 4.1 European Cities Against Drugs (ECAD)

Il-Kunsill huwa membru tal-ECAD.

### 4.2 Turiżmu

San Ġiljan huwa post turistiku u għalhekk it-turiżmu huwa wieħed mis-sorsi ewlenin għall-għejxien ta' ħafna familji. Għalhekk nżammew diversi laqgħat ma' uffiċċjali tal-*Malta Tourism Authority* fejn ġew diskussi xogħolijiet u azzjonijiet li kien hemm bżonn jittieħdu ġewwa San Ġiljan. Ippartecipajna wkoll f'seminars organizzati mill-MHRA u ghaqdiet ohrajn.

Il-Kunsill huwa rappreżentat ukoll fil-*Town Centre Management* ta' Paceville

Saru ukoll taħdidiet ma' diversi awtoritajiet oħra fuq iż-żona ta' Paceville fosthom il-Pulizija sabiex ikun hemm aktar sigurta, kif ukoll mal-*Cleansing Services Directorate* li qed joffru s-servizz ta' tindif addizzjonali f'żoni turistiċi.

Il-Malta Tourism Authority tagħtna wkoll għajnuna finanzjarja sabiex jiġu mżejjna mid-dawl tal-Milied f'xi zoni , ghajnuna biex jinbidlu il-bankijiet tal-promenade u bins fuq il-promenade u fi pjazza tal-Balluta

### 4.3 Bajjiet

Il-Bajja ta' San Ġorġ għandha il-Blue Flag Status u tiġi mmaniġjata mill-MTA. Matul din is-sena l-MTA ħadu ħsieb ukoll il-Bajja tal-Balluta billi regghu ziedu ramel u facilitajiet oħra.

### 4.4 Infurzar tal-Liġi

Wara li f'Ottubru 2016, is-sistema ta' infurzar tal-liġi (tal-Local Wardens) għaddiet għand l-Aġenzija tal-Gvern, jidher li matul din is-sena kien hemm kambjament għal aħjar u jidher li qed jkun hemm aktar ko-ordinament bejn il-Kunsill u l-LESA.

### 4.5 Edukazzjoni

Il-Kunsill qed joffri ssapport tiegħu lill-Kulleġġ Santa Klara għall-programm ta' l-EkoSkola kif ukoll inghatat l-ghajnuna ghal tindif u twahhil ta' sigar fl-istess kullegg. Matul is-sena ukoll ġew organizzati kors fir-Robotika.

### 4.6 Bring-In Sites

Matul din is-sena l-Kunsill neħħa l-Bring in Sites kollha mil-lokalita' ta' San Ġiljan u pogijhom kollha fit-Triq il-Baltiku. Din id-deċiżjoni ittieħdet minħabba l-ammont kbir ta' abbuż li kien qed issir. Dawn il-kontenituri huma tat-tip inteliġenti fejn għandhom sistema li tagħraf meta jkunu mimlija.

### 4.7 Ġemellaġġ

Il-Kunsill ghandu gemellagg mal-lojalita ta' Kunszentmiklos, gewwa l-Ungerija. Matul is-sena kellna kemm visita min delegazzjoni taghna gewwa l-Ungerija , kif ukoll zjara gewwa Malta minn delegazzjoni Ungeriza.

### 4.8 Skema ta' Ġbir ta' Skart Separat

Il-Kunsill għandu ftehim mal-kumpanija GreenPak rigward l-iskema ta' ġbir ta' skart separat.

Matul is sena bdiet tithaddem skema ghal-gbir ta' skart , li jinkludi skart organiku, sjart riceklabli u skart mhallat fuq slema i giet intridotta fil-lokalitajiet kollha. Ghal dan il-Kunsill opprepara numru ta' leaflet li tqassmu fid0djar, ipproducja wkoll stickets bl-iskeda tal-gbir, kif ukoll ghamel diversi interventi , permezz ta' Wardens u Pulizija sabiex jidixplina ir-residenti sabiex jimxu mal-iskeda

Għal sena oħra konsekuttiva, qed jitqassmu il-boroż il-griżi lir-residenti, kif ukoll boroz ghal iskart organiku.

Matul din is-sena gew mqassma ukoll bins ghal iskart seperat gewwa d-djar kif ukoll l-bin ghal-iskart organiku.

### 4.9 Kunsill Lokali Żgħażagħ

S'issa għadu qatt ma' twaqqaf dan il-Kumitat, kif ukoll m'għandiex rappreżentat ta' l-Ambaxxatur taż-Żgħażagħ.

### 4.10 Persuni bi bżonnijiet speċjali

Il-Kunsill ħa ħsieb illi jsiru numru ta' *parking bays* riservati għal persuni bi bżonnijiet speċjali, kif ukoll li l-bajjiet u l-bankini l-ġodda jkunu aċċessibli. Il-Kunsill kellhu ukoll diversi laqgħat mal-Kummissjoni Persuni b'Diżabilita sabiex jittieħdu dawk il-miżuri meħtieġa għal aċċessibilita aħjar kemm f'postijiet eżistenti kif ukoll fi tfassil ta proġetti ġodda.

### 4.11 Dar ta' l-Anzjani

Il-Kunsill ghadu għaddej b'diskussjoni ma' l-awtoritajiet ikkonċernati dwar Palazzo Spinola sabiex dan jiġi devolut lill-Kunsill biex isir Uffiċċju Amministrattiv, Sala tal-komunita' kif ukoll jibdew jinżammu attivitajiet għad-*day centre* ta' l-anzjani.

### 4.12 Planning Fund

Filwaqt li minn dan il-fond li issa sar fond għal-iżvillup, il-Kunsill għamel diġa użu minnhu sabiex sar tarmak ta' toroq, il-Kunsill qiegħed fi proċess li jiffirma ftehim sabiex jagħmel il-Gym fi Ġnien Spinola, kif ukoll il-proġett ta' tarag Scicluna. Il-Kunsill għandhu ukoll numru ta toroq li iridu isiru minn dan il-fond. Saret talba ukoll sabiex parti minn dan il-fond jintuża biex isir proġett flimkien mal-Clubs tal-Waterpolo. Il-Proġett ta' Pjazza ta' Spinola wkoll qed isir

talba sabiex jintużaw fondi minn dan il-fond. Il-Kunsill qed jitlob sabiex dan il-fond ikun jista jintuża ukoll għal-Ġnien Saver Zarb, Ġnien ġdid fi Triq San Mikiel u għall-proġett ġdid fejn l-iskola.

## 4.13 Festival Gieh mill-Maltin

Matul din is-sena, f'Mejju, ġie organizzat festival tal-Folklor fi Pjazza Spinola bil-parteċipazzjoni ta' diversi gruppi folkloristiċi fosthom grupp minn Caltegirone, artisti barranin u lokali kif ukoll il-baned tal-lokal.

## 4.14 Titjib fil-Playing Fields Eżistenti.

Wara diversi diskussjonijiet ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet kif ukoll Awtoritajiet oħra, l-Kunsill ngħata l-approvazzjoni sabiex jiżdid it-terminu tal-konċessjoni tal-Kumpless Dun Anton Sciberras. Meta din l-approvazzjoni tkun uffiċjalizata l-Kunsill qed jaħseb sabiex dan il-Kumpless isir Ċentru tal-Komunita. Matul is-sena kien hemm diversi nterventi ta' manutenzzjoni fiż-żewġ playing fields eżistenti li huma Dun Anton Sciberras u Ġnien Saver Zarb, fosthom tibdiel tal-flooring u manutenzjoni fuq l-apparat kollhu.

# 5 Proġetti

5.1 Ingħata *tender* u qed nistennew il-permessi neċessarji sabiex jsir xogħol ta' embellishment tat-taraġ fi Tarag Sciclun

5.2 Ser jinħareġ *tender* għal xogħol ta' embellishment f'soft area fi Triq San Mikiel.

5.3 Ser isir xoghol fuq Kamra li hem fejn il-latrini tal-Balluta sabiex tinbidel f'centru zghir tal-Kumunita.

5.4 Ser isir xoghol fuq il grownd tal futbal sabiex ic-changing rooms isir centru ghal Kumunita

# 6 Street Lighting

Permezz tad-delega ta' sallazzjonijiet ta' tidwil tat-toroq lill-Kunsilli Lokali, il-Kunsill jieħu ħsieb il-manutenzjoni tad-dawl tat-toroq – dawk li huma *wall hung* u *central hanging.* Bozzoz fuq arbli tal-ħadid u li magħhom hemm għaddejjin l-'aerial cables' ta' l-Enemalta għadhom jaqgħu taħt ir-responsabilita' ta' l-Enemalta.

# *7* Attivitajiet Kulturali u Soċjali

**7.1** Il-Kunsill ħa ħsieb li l-kalendarju tal-Kunsill ikun fih dawn l-attivitajiet u bil-kollaborazzjoni ta diversi għaqdiet ġewwa San Ġiljan organizza attivitajiet bħal kuncerti, wirjiet u attivitajiet ohra, kemm fil-Milied, fil-ġranet tal-Ġimgħa l-Kbira kif ukoll fi żmien il-żewġ festi tal-Parroċċi.

Il-Kunsill ħa ħsieb li fejn huwa possibbli jipprovdi servizz lejn il-komunita' bl-iskop li r-residenti kif ukoll l-pubbliku jkunu moqdija aħjar. Dan billi provda:-

- Servizz li qed jingħata biex il-Millennium Chapel tinżamm nadifa minħabba li din qed tintuża bħala '*Day centre*'.
- Għal sena oħra l-Kunsill ipparteċipa b'kollaborazzjoni mad-Dipartiment tas-Saħħa sabiex ir-residenti ingħataw it-tilqima kontra l-influwenza. Dan is-servizz ingħata bla ħlas mill-uffiċċju tal-Kunsill.
- Kull l-ewwel Gimgha tax-xahar, il-Kunsilliera Rita Dimech Portelli qegħda tagħmel *blood tests* ġewwa l-Kunsill Lokali fil-għodu u wara nofsinhar ġewwa l-Balluta.
- Il-Kunsill b'kollaborazzjoni ma' l-Għaqda Anzjani Ġiljaniżi organizza diversi ħarġiet.
- Il-Kunsill offra s-servizz ta' '*Mini Van/Bus Service*' matul ix-xhur tas-Sajf.
- Bl-ghajnuna tal-Ministeru tal-Politija Socjali, is-servizz ta' Van ghat-transport bejn iz-zoni tal-lokolita taghna qed isir matuk is-sena kollha kull nhar ta Hamis.
- Din is-sena ġew organizzati diversi ħarġet fosthom:- ħarġa għall-anzjani ġewwa l-Ġnien ta' San Anton u Melita Gardens, kif ukoll ħarġa għall-anzjani sabiex jaraw l-presepji ġewwa l-gżira t'Għawdex. Ġew organizzati ukoll numru ta ħargiet b'partecipazzjoni sabiħ ta numru ta' attendenza.
- Il Kunsill permezz ta' ghajnuna minn diversi sponsors qassam lil diversi persuna vylnerabli hamoers fiz-zmien il-milied..
- Il-Kunsill inomina lill-Mons. Gwann Galea għall-Prempju Anzjan Attiv.

## 8 Festa San Patrizju

Bħala parti miċ-ċelebrazzjonijiet li jsiru f'San Patrizju ġewwa lokalita' tagħna, għalkemm ma kienetx attivita' organizzata mill-Kunsill, il-Kunsill kellu diversi laqgħat ma' awtoritajiet fosthom Uffiċċjali tal-Pulizija, Transport Malta, GRTU u Public Transport.

Saru ukoll laqgħat ma' l-operaturi ta' l-istabbilimenti li jinsabu fi Spinola. Dan sabiex kemm jista jkun ma jinħoloqx inkonvenjenza lir-residenti tal-lokali tagħna.

Fost il-miżuri li ttieħdu, l-Kunsill kellu helpline għar-residenti għall-problemi li kellhom. Il-Kunsill organizza servizz ta' Park and Ride mil-Luxol Ground (Pembroke).

## 9 Annimal Welfare

Il-Kunsill matul is-sena fetah Dog's Park fit0triq il-Baltiku fejn ir-residenti jistghu jiehdu l-annimali taghhom ghal appert. Qed jitqassam ukoll ikel tal-Qtates lil Cats Feeders li hem f'diversi partijiet fil-lokalita taghna.

## 10 Konferenza Internazzjonali

Matul din is-sena il-Kunsill organizza Konferenza Internazzjonali bl-isem ta' BRIE ( Boosting Relationship in an Integrated Europe) b'fondi Europew. Ghal din il-konferenza attendew 26 delegat gejien minn 10 organizzajonijiet differenzi minn 7 pajjizi differenti fl-Europa. Id-diskussjoni principali kienet dwar l-Integrazzjoni fl-aspet Ewropew, Id-delehati ittiehdu ukoll ghal zjarat kulturali f'Malta.

## 11 Korsijiet fil-Computers

Matul is-sena tkomplew ukoll il-korsijiet tal-Computers fil-Millenium Chapel li fih attendew numru sabiex ta ' partecipanti. Sar ukoll kors fir-Robotika.

Ir-residenti inghataw ukoll skema sabiex ikunu jistghu ifformethaw il-computers taghhom minghajr hlas wara li l-kunsill lahaq ftehim ma Kumpanija Privata

## 11 Laqgħat

Il-Kunsill kellu diversi laqgħat kemm ma' Ministri, Segretarji Parlamentari, Dipartimenti, Awtoritajiet u diversi għaqdiet kif ukoll mal-Pulizija fejn il-Kunsill ressaq proposti diversi lmenti u suġġerimenti għall-ġid tal-lokalita' fosthoom mal-Priministrum u l-Kummissarju tal-Pulizija.

Wieħed jrid jsemmi li jkollna kollaborazzjoni sħiħa mid-Direttur tal-Cleansing Services Directorate fuq diversi *issues* fosthom it-tindif ta' parti minn Paceville, tindif tal-promenade, kif ukoll problemi ta' abbuż fir-rimi ta' skart.

Il-Kunsill iltaqa diversi drabil mall-GRTU fuq diversi issues.

## Konklużjoni

Dan ir-rapport ta harsa lejn il-hidma li jwettaq il-Kunsill ghal gid tar-residenti ta# San Giljan. Mhux dejjem ikun possibli li naghmlu dak li nixtiequ naghmlu u dawk li jitolbu r0residenti ghaliex ikun hem konsiderazzjonijiet ohra u prijoratajiet ohra. Pero kull hidma taghna issir fl-ahjar interess tar-residenti u ghalekk nhossu li kummenti min-naha tar-resident huma dejjem milghuha u komsiderati.

Nixtieq nirringrazzja lis-Sindku uxxenti , Guido Dalli u is-Sindku Albert Buttiegieg, kif ukoll lill-Kunsilliera kollha, kemm dawk li spiċċaw kif ukoll dawk li qed isservu bħallissa, li volontarjament offrew is-servizz tagħhom f'kull aspett sabiex seta' jsir dan ix-xogħol fil-lokalita'.

Filwaqt li ma jonqosx ukoll ir-ringrazzjament lill-iskrivani tal-Kunsill li jagħmlu l-almu tagħhom kollu sabiex mill-aħjar li jistgħu jitwettqu l-*policies* tal-Kunsill.

Ringrazzjament ukoll immur għal ħafna mill-kuntratturi tal-Kunsill u ħaddiema oħra ll jgħatu servizz ta' livell tajjeb. Fl-aħħarnett nirringrazzjaw lir-residenti li ta' kulljum jgħatu il-koperrazzjoni tagħhom sabiex il-Kunsill ikun f'posizzjoni li jewttaq ħidmitu.

Paul Spiteri
Segretarju Ezekuttiv

## Annex I

### Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tat-Tmien Leġislatura mill-1 ta' Jannar 2019 sat-30 ta' Ġunju 2019**

**Attendenza tal-Kunsillieri**

## Attendenza tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**P = Preżenti** **A = Assenti** **S = Skużat**

## Sena :- 1 ta' Jannar 2019 sal-30 ta' Ġunju 2019

| Data | 10/01/2019 | 28/01/2019 | 21/02/2019 | 21/03/2019 | 15/04/2019 | 02/05/2019 | 16/05/2019 | 20/06/2019 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| Guido Dalli | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| Dott. Albert Buttigieg | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| Martin John Sultana | P | P | S | P | P | S | P | P | | | | | | | | |
| John Agius | P | P | P | P | P | S | P | P | | | | | | | | |
| Adrian Domnic Ellul | P | P | P | P | P | S | P | P | | | | | | | | |
| Rita Dimech Portelli | S | P | S | P | P | P | S | S | | | | | | | | |
| Clayton Luke Mula | P | S | S | P | S | P | P | P | | | | | | | | |
| Clayton Tanti Gregoraci | P | S | P | S | S | P | S | S | | | | | | | | |
| Edgar Montanaro | P | P | P | P | P | P | P | S | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| Segretarju Eżekuttiv | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| Rif. ta' Minuti | 54 | 55 | 56 | 57 | 58 | 59 | 60 | 61 | | | | | | | | |

Paul Spiteri
Segretarju Ezekuttiv

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tal-Kunsill**

**Parteċipazzjoni fil-Laqgħat tad-Disa' Leġislatura mill-1 ta' Lulju 2019 sat-31 ta' Diċembru 2019**

**Attendenza tal-Kunsillieri**

## Attendenza tal-Laqgħat tal-Kunsill Lokali San Ġiljan

**P = Preżenti** **A = Assenti** **S = Skużat**

## Sena :- 1 ta' Lulju 2019 sal-31 ta' Diċembru 2019

| Data | 04/07/2019 | 18/07/2019 | 01/08/2019 | 29/08/2019 | 30/09/2019 | 24/10/2019 | 3110/2019 | 21/11/2019 | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| **Dott. Albert Buttigieg** | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| **Clayton Luke Mula** | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| **John Agius** | P | P | S | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| **Patricia Camilleri** | P | P | P | P | P | P | S | P | | | | | | | | |
| **Guido Dalli** | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| **Rita Dimech Portelli** | P | S | P | S | P | P | P | S | | | | | | | | |
| **Adrian Dominic Ellul** | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| **Sean Gauci** | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| **Martin John Sultana** | P | P | P | P | P | P | P | S | | | | | | | | |
| | | | | | | | | | | | | | | | | |
| **Segretarju Eżekuttiv** | P | P | P | P | P | P | P | P | | | | | | | | |
| **Rif. ta' Minuti** | 01 | 02 | 03 | 04 | 05 | 06 | 07 | 08 | | | | | | | | |

Paul Spiteri
Segretarju Ezekuttiv

## Il-Kunsill jagħmel użu wkoll mis-servizzi ta' :-

| Tip ta' servizz | Isem / Kumpanija | Rimarki |
|---|---|---|
| **Contracts Manager** | Bezzina Architects | Sorveljanza fuq xogholijiet ta Infrastruttura |
| **Avukat** | Dr. Stefano Filletti | Affarijiet legali |
| **Perit** | Bezzina Architects | Rigward il-proġetti |
| **Accountant** | Mr Daniel Galea | Servizz professjonali ta' Accountancy |
| **Cleaner** | Crystal Clean | Servizz ta' tindif ta' l-uffiċċju amministrattiv |

| | | |
|---|---|---|
| **Ġbir ta' Skart Domestiku** | Galea Solutions | Servizz ta' Ġbir ta' Skart Domestiku |
| **Ġbir ta' Skart Goff** | Dimbros Ltd | Servizz ta' Ġbir ta' Skart Goff |
| **Tindif ta' Toroq** | Galea Solutions | Servizz ta' Tindif ta' Toroq |
| **Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi** | Sur Sandro Caruana | Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni ta' Latrini Pubbliċi |
| **Tiswija u Manutenzjoni Tat-Toroq** | L.K. Ltd. | Servizz ta' Tiswija u Manutenzjoni tat-Toroq |
| **Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq** | Fix All | Servizz ta' Manutenzjoni ta' Sinjali u Marki tat-Toroq |
| **Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi** | Galea Solutions | Servizz ta' Tindif u Manutenzjoni tal-Ġonna Pubbliċi |
| **Tindif u manutenzjoni Ta Soft Areas** | **Galea Solutions** | **Manutenzjoni tas-Soft Areas** |
| **Live Streaming** | AID Ltd | Online Streaming tal-Laqgħat |
| **Tiżjin tad-Dawl tal-Milied** | Mica Med Ltd | Għarmar u Tizjin tad-dawl tal-Milied |

**Polza ta' Assikurazzjoni**

Il-Kunsill għandu polza ta' assikurazzjoni skond kif mitlub f'Att XV ta' l-1993 dwar Gvern Lokali (i) Polza ta' Assigurazzhoni ghal membri tal-Istaff tal-Kunsill, kif ujoll ghal Kunsilliera, kif ukoll (ii) polza ghal Assi tal-Kunsill.